



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Frar 2023
(OR. en)

5220/23

COHOM 8
COPS 11
CONUN 6
COASI 1
MAMA 7
COEST 11
COAFR 5
DEVGEN 5
CFSP/PESC 31

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Frar 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2023, approvati mill-Kunsill fit-3932 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Frar 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2023

1. Fl-2023 jaġbat il-**75 anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem**. L-UE taġferma mill-ġdid l-impenn inekwivoku tagħha għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għad-difiża tal-universalità tagħhom. L-UE żżomm magħquda bħala sostenitur ferventi tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, u ser tkompli tirrispetta, tiddefendi u tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet tal-bniedem kollha bħala prijetà tal-azzjoni esterna tagħha. L-UE taħdem favur NU b'saħħitha u effiċjenti li kapaċi tirrispondi għall-isfidi tas-seklu 21, tappoġġa r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU "L-Aġenda Komuni Tagħna" u tappella għall-finanzjament adegwat tas-sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. Fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u tal-Programm ta' Azzjoni adottat 30 sena ilu, l-UE ttenni li d-drittijiet tal-bniedem huma **universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati**, jekk hux fl-ambitu ċivili, kulturali, ekonomiku, politiku jew dak soċjali. L-UE tkompli tappella għar-ratifika u l-implimentazzjoni ġenerali tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u konvenzjonijiet oħra dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
2. L-UE tilqa' bil-ferħ il-ħatra ta' **Kummissarju Għoli ġdid tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem**, tappoġġa bis-siħ il-mandat tiegħu, u tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw l-indipendenza tiegħu u jikkooperaw bis-siħ mal-Kummissarju Għoli u mal-Uffiċċju tiegħu filwaqt li jiżguraw finanzjament adegwat. L-UE tissottolinja l-importanza tal-ħidma magħmula fuq il-post mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli biex jgħin lill-istati jsaħħu l-qafas nazzjonali tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE tappella lill-istati kollha biex jinvolvu ruħhom bis-siħ fis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Proċeduri Speċjali u d-detenturi ta' mandati oħra, kemm tematiċi kif ukoll speċifiċi għall-pajjiż, il-korpi previsti bi Trattat u l-Eżami Perjodiku Universali.

3. L-UE ser tkompli **tikkoopera mar-reġjuni kollha tad-dinja**, taġixxi fi spirtu sinċier biex ittejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tipprevjeni u twaqqaf il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u titlob lil dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom. L-UE tikkommetti ruħha li taħdem mal-membri tan-NU biex tissottolinja li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa element essenzjali ta' soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi. B'dan il-mod, l-UE għandha l-għan li l-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem isegwu aġenda tematika komprensiva u jkomplu jindirizzaw il-ksur u l-abbużi l-aktar serji tad-drittijiet tal-bniedem, kull fejn u minn kull min jitwettqu. L-UE ser tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem biex iġġib bidla u ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.
4. L-UE ser tkun qed tistieden ripetutament lill-istati kollha madwar id-dinja biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-**istituzzjonijiet demokratiċi**, ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-prinċipji ta' governanza tajba, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-impunità. L-UE ser tibqa' impenjata biex tippromwovi l-aċċess għall-ġustizzja u rimedju effettiv għall-vittmi ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Biex tinkiseb l-**akkontabbiltà**, l-UE ser titlob, jew tappoġġa talbiet minn oħrajn, għal investigazzjonijiet indipendenti ta' ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dawk li jistgħu jitqiesu bħala delitti internazzjonali. L-UE ser tkompli tippromwovi l-universalità tal-Istatut ta' Ruma fil-25 anniversarju tiegħu u tkompli tipprovdi appoġġ politiku u finanzjarju lill-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). Ser tibqa' impenjata li tressaq lill-awturi tal-aktar delitti internazzjonali serji quddiem il-ġustizzja, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

5. Din is-sena, bħas-snin ta' qabel, l-UE ser issemma' leħinha kontra **l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kull fejn iseħħu, u tqis it-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala l-fora xierqa biex jiġu indirizzati daww is-sitwazzjonijiet**. L-UE ser tappoġġa inizjattivi rilevanti li għandhom ikunu fuq l-aġenda tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem jew tat-Tielet Kumitat. L-UE ser tkompli taqdi rwol ewlieni f'inizjattivi rigward l-Afganistan, il-Belarussja, il-Burundi, ir-RDPK, l-Eritrea, il-Myanmar/Burma u l-Etjopja, u ser tkompli tinkoraġġixxi lil din tal-aħħar fl-isforzi tagħha għar-rikonċiljazzjoni, l-akkontabbiltà u l-ġustizzja tranżizzjonali. Hija ser issegwi mill-qrib inizjattivi dwar il-Kambodja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Georgia inkluż is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni separatisti Georgjani tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, l-Iran, il-Libja, il-Mali, in-Nikaragwa, it-territorju okkupat Palestinjan, is-Somalja, is-Sudan t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sudan, is-Sirja, il-Venezwela u inizjattivi oħra speċifiċi għall-pajjiż, kif adatt. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fi djalogi interattivi ma' detenturi ta' mandati ta' proċeduri speċjali u f'dibattiti ġenerali biex tiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjonijiet kritiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-Federazzjoni Russa u ċ-Ċina.

6. B'mod partikolari, l-UE ser tkompli tikkundanna bl-ikbar qawwa possibbli l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra **l-Ukrajna** u ssemma' leħinha kontra kull ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, li tirriżulta mill-aggressjoni militari Russa. L-UE tilqa' bi pjaċir u tinkoraġġixxi l-isforzi biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż modi biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà għad-delitt ta' aggressjoni. Hija tissottolinja l-appoġġ tagħha għall-investigazzjonijiet mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u t-tiġdid tal-mandat tal-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar l-Ukrajna mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser thegġegħ lir-Russja biex tosserva bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali, twaqqaf l-aggressjoni tagħha minnufih u mingħajr kondizzjoni u tirrispetta bis-sħiħ is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti fil-livell internazzjonali. L-UE ser tkompli wkoll tappella lill-awtoritajiet Belarussi biex jieqfu jiffaċilitaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa. L-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fit-territorji tal-Ukrajna annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa, inkluż ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol, u ser tappoġġa inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward.

7. Il-kriżi tad-drittijiet tal-bniedem fl-**Afganistan** qed tmur għall-aġġar, b'mod partikolari fir-rigward tan-nisa, il-bniet, il-persuni li jappartjenu għal minoranzi u gruppi etniċi u reliġjużi u l-persuni LGBTI, li sistematikament jiġu mċaħħda mid-drittijiet tal-bniedem tagħhom. L-UE tikkundanna l-introduzzjoni mill-ġdid ta' pieni korporali u kapitali, kif ukoll iċ-ċaħda tad-dritt għall-edukazzjoni għan-nisa u l-bniet Afgani u l-limitazzjoni severa tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika u soċjali, inkluż il-projbizzjoni li jaħdmu ma' NGOs. L-UE ser tappoġġa l-mandat tar-Relatur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan u ser tkompli tissottolinja r-responsabbiltà tat-Taliban fl-iżgurar tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-UE ser tkompli tesprimi l-appoġġ tagħha għall-poplu kollu tal-**Myanmar/Burma**, inkluż ir-Rohingya u minoranzi oħra u titlob it-tmiem tal-atti kollha ta' vjolenza mir-reġim militari tal-Myanmar fil-pajjiż kollu u għall-ħelsien minnufih u mingħajr kondizzjoni ta' dawk kollha detenuti arbitrarjament, b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-kolp ta' stat militari tal-2021 u għar-restawr tal-proċess demokratiku bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati kollha. F'dan ir-rigward, l-UE ser ittenni l-hteġġa għall-akkontabbiltà għal kull ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż u ser tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Indipendenti għall-Myanmar, u tappella lill-pajjiżi kollha biex jikkooperaw mal-Mekkaniżmu. L-UE ser tħeġġeġ lill-awtoritajiet **Iranjani** biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, u d-dritt ta' assemblea paċifika. Ser tħeġġeġ ukoll biex tieqaf ir-repressjoni tal-protesti, jinħelsu d-dimostranti mhux vjolenti kollha u jiġi pprovdut proċess dovut lid-detenuti kollha. L-UE ser ittenni l-oppożizzjoni inekwivoka tagħha għall-piena tal-mewt, tikkundanna s-sentenzi tal-mewt mogħtija reċenti u mwettqa fil-kuntest tal-protesti li qed iseħħu fl-Iran, u tħeġġeġ lill-gvern Iranjan biex iwaqqaf kull eżekuzzjoni oħra u biex jikkoopera b'mod sħiħ mal-Missjoni Indipendenti ta' Ġbir ta' Informazzjoni stabbilita mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser tkompli ssegwi u tikkundanna r-repressjoni interna sistematika kontra s-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-ilħna kritiċi, il-media indipendenti, kif ukoll persuni li jappartjenu għal gruppi ta' minoranza, inkluż persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, u gruppi stigmatizzati oħra fil-**Federazzjoni Russa u l-Belarussja** u ser tħeġġeġ lill-awtoritajiet tagħhom biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-UE ser tkompli titlob lill-Belarussja għall-ħelsien u r-riabilitazzjoni minnufih u mingħajr kondizzjoni tal-priġunieri politiċi kollha. L-UE ser tħeġġeġ lill-Belarussja tikkoopera bis-sħiħ mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tappella lill-Federazzjoni Russa biex tikkoopera bis-sħiħ mal-proċeduri speċjali kollha relatati mas-sitwazzjoni tad-

drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa. L-UE ser ittenni t-tħassib serju tagħha dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-**Ċina**, inkluż fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet, ir-Reġjun Awtonomu tal-Mongolja Interna, Hong Kong u r-Reġjun Awtonomu Uighur ta' Xinjiang, waqt li tirreferi għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport indipendenti tal-Kummissarju Għoli dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Xinjiang. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lit-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-espressjoni, l-assoċjazzjoni u l-assemblea paċifika, il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, kif ukoll lill-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, il-preservazzjoni tal-identità kulturali u t-tmim tal-użu tax-xogħol furzat. Barra minn hekk, ser tkompli ssegwi mill-qrib każijiet individwali ta' tħassib ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser thegġegħ lill-Gvern Ċiniż u lill-awtoritajiet ta' Hong Kong biex jerġgħu jistabbilixxu r-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser titlob għat-tmim tal-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-partijiet kollha għall-konflitt fis-**Sirja**, b'mod partikolari mir-reġim u l-alleati tiegħu, u ttenni li soluzzjoni politika inklużiva bbażata fuq ir-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU hija l-unika triq lejn paċi sostenibbli. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport mis-Segretarju Ġenerali tan-NU li jirrakkomanda l-istabbiliment ta' korp internazzjonali ġdid dwar il-persuni nieqsa fis-Sirja u ser tqis b'mod pożittiv proposti għall-appoġġ ta' mekkaniżmu bħal dak. Barra minn hekk, it-**Turkija**, bħala pajjiż kandidat tal-UE u membru għal bosta snin tal-Kunsill tal-Ewropa, hija mistennija taderixxi mal-impenji rispettivi tagħha.

8. Fil-kuntest tal-25 anniversarju tad-Dikjarazzjoni dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB), l-UE ser tirdoppja l-isforzi tagħha biex tappoġġa lid-DDB u tinvolvi ruħha mill-qrib fil-fora tan-NU mas-**soċjetà ċivili u d-DDB** fid-definizzjoni l-aktar wiesgħa tal-kunċett, inkluż l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u dawk immexxija miż-żgħażaġh. L-UE ser tkompli tiddefendi u tippromwovi l-parteċipazzjoni sħiħa u sinifikanti tas-soċjetà ċivili fl-istanzi kollha tal-fora tan-NU. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa kull forma ta' tpattija kontra d-DDB u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkooperaw, jippruvaw jikkooperaw jew ikkooperaw mas-sistema tan-NU. L-UE ser tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Assistent Segretarju Ġenerali għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'dan ir-rigward. L-UE ser tkun attur ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent sikur u abilitanti għas-soċjetà ċivili u d-DDB, inkluż dawk attivi fl-eżilju, u ser tkompli tikkundanna kull theddida jew attakk kontribom. Ser tagħti attenzjoni speċjali lit-theddid emerġenti kontra d-DDB bħas-sorveljanza online illegali, kif ukoll ir-repressjoni tranżnazzjonali. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji speċifiċi ffaċċjati minn ċerti kategoriji ta' DDB li spiss iġarrbu diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju, kemm online kif ukoll offline, b'mod partikolari DDB nisa, DDB relatati mal-ambjent, mal-art u mal-indiġeni, difensuri tad-drittijiet ta' persuni LGBTI, u dawk li jiddefendu d-drittijiet tax-xogħol. L-UE ser topponi wkoll il-miżuri legali u amministrattivi li jċekknu l-ispazju ċiviku, pereżempju l-ostakli għar-reġistrazzjoni ta' NGOs, restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi, regoli onerużi ta' skrutinju u rekwiżiti ta' rappurtar li jkunu ta' piż. L-UE ser taħdem mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Proċeduri Speċjali biex tiżgura li l-ilħna tas-soċjetà ċivili u tad-DDB jinstemgħu.

9. L-UE ser tkompli tippromwovi u tħares id-dritt għal-**libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni** kemm online kif ukoll offline, **kif ukoll il-libertà tal-media** u tikkundanna l-fastidju, theddid u attakki kontra ġurnalisti, bloggers u ħaddiema oħra tal-media. Ser issaħħaħ l-appoġġ għall-media pluralista u indipendenti u ser tfakkar fir-responsabbiltà tal-istati li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, il-politika u l-azzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar l-informazzjoni jkunu konformi mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser tkompli twissi dwar iż-żieda fil-kontroll tal-istat fuq l-ispazju online, tipproteġi l-proċessi demokratiċi u tiżgura approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha għall-ġlieda proattiva kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni minn barranin. L-UE ser issaħħaħ ukoll l-azzjoni tagħha favur ir-rispett tal-**libertà akkademika**. L-UE ser tkompli tipproteġi u tippromwovi l-**libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni** u tikkundanna l-intimidazzjoni, it-theddid u l-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi.
10. L-UE ser tibqa' impenjata favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-**libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin** għall-individwi kollha madwar id-dinja. Ser tikkundanna d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, il-vjolenza, u l-persekuzzjoni kontra jew minn kwalunkwe persuna abbażi ta' reliġjon jew ta' twemmin. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt ta' kull individwu li jkollu jew ma jkollux reliġjon jew twemmin, li juri jew ibiddel ir-reliġjon jew it-tweemmin tiegħu, filwaqt li tikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-apostażija u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija. L-UE ser tkompli tappoġġa d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet bħala għodda effettiva għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv mar-Relatur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin u tappoġġa l-mandat tiegħu.

11. L-UE ser tkompli tikkundanna l-użu tat-**tortura** u ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra madwar id-dinja. Ser tkompli ssemma' leħinha kontra l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji u ser tkompli tappoġġa l-monitoraġġ indipendenti tal-ħabsijiet u ta' postijiet oħra ta' ċaħda tal-libertà, it-titjib tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni u t-trattament tal-persuni m'caħhda mil-libertà, skont l-obbligi u l-istandards internazzjonali. L-UE ser ittenni t-talba tagħha għar-ratifika ġenerali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha. Bħala parti mill-isforzi tagħha biex telimina t-tortura fid-dinja kollha, l-UE ser tkompli tippromwovi l-Alleanza Dinjija għal Kummerċ Liberu mit-Torturi u ser tikkunsidra passi ulterjuri biex tipprojbixxi l-kummerċ ta' oġġetti użati għall-piena kapitali u t-tortura. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-**piena tal-mewt** fiċ-ċirkostanzi kollha u ser tippromwovi r-ratifika l-aktar ġenerali tat-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-ICCPR. L-UE ser tappella lill-pajjiżi kollha li fadal li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex jabolixxuha, jew iżommu jew jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni. Hija ser thegġegħ lill-istati fejn hemm fis-seħħ moratorju biex jabolixxu l-piena tal-mewt bil-liġi.
12. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jagħtu aċċess mingħajr kondizzjonijiet u mingħajr xkiel għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem u tan-NU fit-territorji tagħhom. L-UE ser tkompli tappella wkoll lill-partijiet kollha f'konflitti armati biex jirrispettaw bis-sħiħ id-**dritt umanitarju internazzjonali** u jiżguraw aċċess sħiħ, sikur, immedjat u mingħajr xkiel fil-pajjiż kollu biex titwassal għajnuna umanitarja lill-popolazzjonijiet fil-bżonn. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-partijiet f'konflitti armati biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu l-persuni ċivili u l-oġġetti ċivili. L-UE ser tkompli tappoġġa l-inkorporazzjoni msaħħa tad-drittijiet tal-bniedem fl-isforzi għall-paċi u s-sigurtà tan-NU. Sabiex tipproteġi aktar lill-persuni ċivili u tippromwovi azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji, l-UE ser tappoġġa lil sħab ukoll biex jadottaw u jimplementaw oqfsa ta' konformità robusti għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

13. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa, kif ukoll li tippromwovi d-**drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali** kollha, inkluż id-dritt għall-**edukazzjoni**, l-ikel, l-ilma u s-sanità, is-saħħa, akkomodazzjoni xierqa u xogħol deċenti, fost oħrajn u tappoġġa l-inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod proattiv fid-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fl-inizjattivi kollha tagħha. Ser tkompli tagħti attenzjoni speċifika lill-aspetti tal-kriżi tas-sigurtà tal-ikel li huma marbuta mad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tippromwovi d-dritt għall-**edukazzjoni**, inkluż l-**edukazzjoni** dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-tagħlim tul il-ħajja, il-konfluwenza mal-**aġenda diġitali**, l-inklużjoni soċjali u diġitali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa kollha, u n-nondiskriminazzjoni. L-UE ser tkompli tippromwovi l-aspetti tal-protezzjoni tal-wirt kulturali li huma marbuta mad-drittijiet tal-bniedem.
14. L-UE ser tkompli tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi fl-**ispazju diġitali**. L-UE ser tippromwovi approċċ għat-teknoloġiji diġitali l-ġodda, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tibqa' involuta b'mod attiv fil-fora tan-NU biex tiġbed l-attenzjoni għall-opportunitajiet u l-impatt tat-teknoloġiji diġitali l-ġodda u emerġenti fuq id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli taħdem mal-OHCHR u ma' sħab oħra għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar il-Kooperazzjoni Diġitali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, inkluż l-Uffiċċju tal-Mibgħut għat-Teknoloġija, u l-elaborazzjoni tal-Patt Diġitali Globali. L-UE ser tippromwovi internet miftuħ, liberu, interoperabbli, affidabbli u sigur u ser tkompli tiġbed l-attenzjoni għall-impatt tal-qtuġ tal-internet, iċ-ċensura online u s-sorveljanza online illegali. L-UE ser tkompli tappella għall-protezzjoni tal-ispazju ċiviku online, it-tiżiħ tal-protezzjoni tad-data, u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u ċ-ċiberkriminalità.

15. L-UE ser tkompli tappoġġa miżuri li jindirizzaw l-impatt tat-**tibdil fil-klima**, it-**telf tal-bijodiversità** u d-**degradazzjoni ambjentali** fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha. F'dan ir-rigward, l-UE ser tippromwovi r-rwol importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent u tad-drittijiet tal-popolazzjonijiet indiġeni. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet li jsaħħu d-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli, u tippromwovi l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fir-riżoluzzjonijiet tan-NU dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-klima u l-ambjent, anki fid-dawl tal-eżitu tal-COP27. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.
16. L-UE ser ittenni l-pożizzjoni tagħha li t-twettiq sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem kollha għal kulħadd hija prekundizzjoni biex jinkiseb żvilupp inklużiv u sostenibbli. F'dan l-ispirtu, l-UE ser tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU billi tapplika approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. Dan l-approċċ, f'konformità mal-pożizzjoni komuni tal-UE rigward dan is-suġġett, jikkontribwixxi għad-**dritt għall-iżvilupp** li għandu l-għerq tiegħu fin-natura universali, indiviżibbli, interrelatata, interdipendenti u ta' rinforz reċiproku tad-drittijiet tal-bniedem kollha, bl-individwi bħala l-atturi ċentrali, il-muturi u dawk li jgawdu mill-proċess tal-iżvilupp. Fejn jidħol il-proċess tal-elaborazzjoni ta' strument legalment vinkolanti dwar id-dritt għall-iżvilupp, l-UE ser tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv mingħajr ma tippreġudika l-pożizzjoni finali tagħha li tagħmel l-abbozz rivedut tal-konvenzjoni dwar id-dritt għall-iżvilupp konformi bis-sħiħ man-normi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

17. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi internazzjonali għall-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, l-avvanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, skont l-impenji internazzjonali tagħha, inkluż bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntesti tal-pajjiżi u dawk tematiċi. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fl-inizjattivi għall-paċi u s-sigurtà, inkluż bl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti. L-UE ser tuża kull okkażjoni fil-fora rilevanti kollha biex dawn l-impenji jiġu affermati mill-ġdid u jitwettqu, inkluż fil-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa u l-Kummissjoni dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, u tenfasizza l-hteġa ta' approċċ ambizzjuż u trasformattiv biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali u l-fatturi tar-riskju tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. L-UE ser tkompli tqiegħed fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' **vjolenza sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru** kemm online kif ukoll offline, inkluż vjolenza domestika u minn sħab intimi, iż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u prattiki dannużi oħra kontra n-nisa u l-bniet, u tippromwovi sforzi min-naħa tas-soċjetà kollha biex tinvolvi lill-irġiel u s-subien bħala alleati u benefiċjarji għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex ittemm il-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq il-ġeneru, telimina l-inugwaljanzi kollha bejn il-ġeneri, tindirizza liġijiet u normi soċjali diskriminatorji u tiġġieled kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu li jappoġġa l-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġħ, fid-diversità kollha tagħhom, inkluż fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.

18. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (**SRHR**), f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.
19. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' **diskriminazzjoni**, u ser tintensifika l-azzjoni biex tindirizzahom, b'attenzjoni speċifika għal diversi forom u forom li jinterċettaw ta' diskriminazzjoni, fosthom abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u favur id-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u favur il-parteeċipazzjoni ta' żgħażagħ, bniet u nisa, persuni b'diżabbiltà u persuni LGBTI, fost oħrajn, kif ukoll favur il-protezzjoni ta' min jinsab f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż it-tfal. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod konsistenti u kostruttiv fil-mandati tan-NU li jiffukaw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza u kull forma ta' diskriminazzjoni u ser tkompli tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tan-NU b'rabta ma' dan.

20. L-UE ser tkompli tappoġġa b'determinazzjoni d-**drittijiet tat-tfal**. Dan l-impenn ser ikompli jkun komponent ewlieni tal-isforzi tagħha biex tipprevjeni kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, kif ukoll biex tippromwovi aċċess universali għall-edukazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-aċċess tal-bniet għall-edukazzjoni. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni speċjali lil dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' wara konflitt u f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż tfal indiġeni u tfal li jappartjenu għal minoranzi, inkluż minoranzi nazzjonali u etniċi, kif ukoll tfal b'diżabbiltà. L-UE ser tappoġġa bis-sħiħ u tikkoopera b'mod attiv mal-mandati tar-Rappreżentanti Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-tfal u l-konflitti armati u dwar il-vjolenza kontra t-tfal. Sabiex jiġi ggarantit li t-tfal jista' jkollhom esperjenza pożittiva u sikura online u jkunu protetti mill-perikli, huwa essenzjali li tiġi indirizzata b'mod effettiv il-vjolenza kontra t-tfal online, il-forom kollha ta' sfruttament u abbuż, l-intimidazzjoni elettronika, u l-esponiment għal kontenut ta' ħsara. L-UE ser tistieden lis-sħab kollha li għadhom ma għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u jinkoraġġixxu u jappoġġaw ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-protokolli fakultattivi tagħha.
21. L-UE ser iżżid l-azzjoni biex tiżgura t-**tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni akbar fl-età**, issaħħaħ il-kura fit-tul, tindirizza l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tagħha u tappoġġa l-isforzi biex jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u l-etaiżmu sabiex jiġu żgurati l-ħajja b'dinjità u l-benesseri tal-persuni akbar fl-età, l-ekwità soċjali u s-solidarjetà interġenerazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE ser timpenja ruħha b'mod attiv mal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ.

22. Id-difżja tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranza hija essenzjali. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni li jagħmlu parti minn **minoranzi** kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi. L-UE ser tippromwovi d-dritt tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-ħajja kulturali, reliġjuża, soċjali, ekonomika u pubblika. L-UE ser toponi kull forma ta' inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva l-artikolazzjoni sħiħa tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni. L-UE ser tkompli tindirizza kwistjonijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranza fejn ir-rappreżentanti tagħhom ma jkollhomx aċċess jew ikollhom aċċess limitat biex isemmgħu leħinhom, inkluż fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u fora oħra rilevanti.
23. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-**popli indiġeni** kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u f'dan ir-rigward ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-fora kollha rilevanti fejn jiġu diskussi d-drittijiet tal-popli indiġeni. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv fl-isforzi kollha biex tissaħħaħ il-parteeipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti tar-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-popli indiġeni fil-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, fuq kwistjonijiet li jaffettwawhom. L-UE ser tisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tad-DDB indiġeni u li dawn ikunu jistgħu jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' tpattija. L-UE ser tippromwovi l-parteeipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti u l-kapaċità ta' tmexxija tan-nisa indiġeni. L-UE ser tissottolinja l-importanza li t-tfal indiġeni jingħataw aċċess għall-edukazzjoni bil-lingwa u l-kultura tagħhom stess.

24. L-UE ser twettaq aktar sforzi biex tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fl-inizjattivi kollha marbuta mal-ġlieda kontra r-**razziżmu**, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza assoċjata madwar id-dinja, waqt li żżomm il-pożizzjoni tagħha ta' minn żmien twil ilu dwar il-ħtieġa li jiġu żgurati r-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, kif ukoll il-ħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban u li jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati, fejn meħtieġ, il-mekkaniżmi ta' segwitu tagħha.
25. L-UE ser tintensifika l-azzjoni b'appoġġ għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tagħhom kif ukoll għad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati b'rabta mar-**refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom u l-migranti**, b'attenzjoni partikolari għat-tfal, il-persuni akbar fl-età, in-nisa u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli toffri opportunitajiet għal perkorsi legali għall-migrazzjoni filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, u tappella lill-istati kollha biex jipprevjenu t-traffikar ta' bniedem u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bniedem, jipproteġu lill-vittmi, iżommu approċċ li jindirizza l-kwistjonijiet tal-ġeneru u li huwa sensittiv għall-bżonnijiet tat-tfal, u jiżguraw il-prosekuzzjoni effettiva tal-awturi ta' dawn ir-reati. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-istrumentalizzazzjoni sostnuta mill-istat ta' refuġjati u migranti għal finijiet politiċi minn pajjiżi terzi, u taħdem kontra dawn l-attivitajiet, dejjem b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali.

26. **It-terroriżmu**, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità organizzata huma theddida serja għall-paċi u s-sigurtà. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għar-reati terroristiċi u l-kriminalità organizzata jkun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu tinkludi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni xierqa tal-każijiet ta' terroriżmu b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, it-tqegħid tal-vittmi fiċ-ċentru u li jiġu żgurati l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi. L-UE ser tappoġġa l-promozzjoni kontinwa tal-parteciġazzjoni attiva u sinifikanti tan-nisa fl-isforzi ta' prevenzjoni u kontra t-terroriżmu.
27. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-OHCHR u mal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar in-**Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem** biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs) tan-NU madwar id-dinja. Ser tkompli tappoġġa l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u tiżviluppa qafas komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-UNGPs, bl-użu bħala referenza tal-Pjan Direzzjonali tan-NU b'rabta mal-UNGPs għad-deċennju li jmiss ta' negożju u drittijiet tal-bniedem. L-UE ser issaħħa l-involviment tagħha fil-fora tan-NU u tipparteċipa b'mod attiv fid-diskussjonijiet tan-NU dwar strument legalment vinkolanti dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem, u lesta taħdem mal-Presidenza tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv Miftuħ (OEIGWG) u mal-Ħbieb tal-Presidenza, kif ukoll ma' sħab oħra, biex tesplora t-toroq lejn strument ibbażat fuq il-kunsens li jista' jtejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u joħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni madwar id-dinja b'mod effettiv.
-